# San Publju fil-gazzetta 'Leħen is-Sewwa' Dettalji interessanti mill-paġni tal-1960

*Jikteb is-Semminarista David Torpiano*



*L-Isqfijiet fil-Knisja iddedikata lill-ewwel Isqof ta' Malta wara l-Konċelebbrazzjoni tat-80 Anniversarju tal-'Leħen is-Sewwa'.*

Is-sena li għaddiet kienet immarkata mit-80 anniversarju minn meta l-gazzetta 'Leħen is-Sewwa' ġiet ippubblikata għall-ewwel darba nhar l-1 ta' Settembru 1928. Din il-gazzetta ta' l-Azzjoni Kattolika mhux biss għandha s-sede tagħha fl-Istitut Kattoliku fil-Floriana iżda matul il-medda tas-snin, bejnha u bejn il-Floriana nibtu diversi rabtiet li taw ħafna frott. Kien l-Isqof ta' Malta u Arċisqof titulari ta' Rodi, il-Furjaniż Dom Mauro Caruana O.S.B., li kien strumentali biex permezz tal-*Giunta Diocesana pro Buona Stampa* li huwa waqqaf fis-17 ta' Lulju tas-sena 1928, tiġi ppublikata għall-ewwel darba il-gazzetta 'Leħen is-Sewwa' fl-1 ta' Settembru ta' l-istess sena.[1] L-ewwel editur tal-'Leħen is-Sewwa' kellu jkun ukoll Furjaniż. Dan kien Monsinjur Enrico Bonnici li mexxa l-gazzetta sal-1931. Aktar tard, meta l-gazzetta 'Leħen is-Sewwa' għaddiet f'idejn l-Azzjoni Kattolika, l-editur kellu jkun Dr. Herbert Ganado, wieħed mill-aktar Furjaniżi magħrufin.[2] Ir-rabta tal-gazzetta mal-Floriana ma waqfitx għaliex fl-1973 wara l-mewt prematura tal-editur Monsinjur Salvino Bartoli Galea, l-ex arċipriet tal-Floriana Monsinjur Carmelo Xuereb[3] ġie mitlub jokkupa l-kariga ta' editur proviżorjament sakemm jiġi maħtur xi ħadd ieħor li kellu jkun il-kavallier Paul Saliba.

Barra minn dawn ir-rabtiet u diversi oħrajn, il-'Leħen is-Sewwa' kien dejjem minn ta' quddiem biex jirrapporta x'qed jiġri fil-ħajja soċjali tal-Floriana u fil-ħajja pastorali tal-parroċċa ta' San Publju. Il-ġurnal kemm-il darba kien ukoll mezz ta' tixrid ta' tagħrif dwar il-figura ta' San Publju nnifsu u b'konnessjoni mal-qaddis, il-ġurnal kien iwassal ukoll informazzjoni dwar il-festi li minn żmien għal żmien kienu jiġu ċċelebrati f'ġieħ San Publju. Waħda mis-snin li fihom 'Leħen is-Sewwa' kien impenjat ħafna biex iwassal informazzjoni fuq San Publju, kienet is-sena 1960, is-sena Ċentinarja tan-Nawfraġju ta' San Pawl u tal-Veskovat u l-Konverżjoni ta' San Publju. Mingħajr ma nidħol f'dettall dwar il-Festi Ċentinarji, ġbart ftit 'frak tad-deheb' minn dan il-ġurnal li deherli li jistgħu jkunu interssanti għalina.

## Il-Festi 'Ċentinarji Nazzjonali' ta' San Publju Martri fl-1960

Fil-ħarġa tal-15 ta' Ġunju tal-1960, il-'Leħen is-Sewwa' ippubblika l-programm kollu tal-Festi Ċentinarji li kienu ser isiru f'ġieħ San Publju. Il-Festi Ċentinarji tal-Konverżjoni u l-Veskovat u ta' San Publju kienu ovvjament marbutin mal-Festi Ċentinarji tan-Nawfraġju ta' San Pawl.

Il-festi ta' San Publju kellhom jiftħu nhar id-19 ta' Ġunju tal-1960 biċ-ċelebrazzjoni tal-ewwel tqarbina filgħodu u bil-griżma tal-Isqof wara nofsinhar. Filgħaxija kellu jsir għasar u purċissjoni bil-Madonna tad-Duttrina akkumpanjata mit-tfal. Il-festi kellhom jaslu fil-qofol tagħhom nhar il-Ħadd 3 ta' Lulju bil-quddiesa pontifikali mill-E.T. Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi u bil-paniġierku mill-Isqof Monsinjur Emmanuel Galea. Filgħaxija Monsinjur Fiordelli, Isqof ta' Prato, kellu jmexxi l-għasar u wara ssir il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Publju.
Wieħed mill-ewwel jinnota li dawn il-festi ġew mogħtija l-karattru ta' festi 'nazzjonali'. Din id-dimensjoni nazzjonali ma dehritx jew inħolqot għall-ewwel darba fis-sena 1960. Kulmin jaf l-istorja tal-qima lejn San Publju u tal-Floriana, jaf li f'diversi okkażjonijiet, il-festi u l-attivitajiet marbutin ma' San Publju kienu minn dejjem mogħnija b'karattru nazzjonali. Biżżejjed insemmu r-riformi liturġiċi tal-Papa Ljun XIII, li fit-13 ta' Jannar ta' l-1896, fuq talba tal-Isqof Pietru Pace imressqa permezz tal-Kardinal Primat tal-Irlanda Michael Logue, għolla l-festa ta' San Publju għar-Rit Doppju Prima Klassi, għall-kleru reliġjuż u djoċesan ta' Malta kollha.[4]
Fatt ċkejken li jindika r-rilevanza nazzjonali storika ta' San Publju u anki tal-festa tiegħu ġewwa l-Floriana, hija ċirkulari tal-Vigarju ġenerali, Mons. Isqof Emmanuel Galea, ippubblikata fil-'Leħen is-Sewwa' nhar it-2 ta' Lulju 1960, lejlet il-festa 'Ċentinarja Nazzjonali'[5] ta' San Publju. F'din iċ-ċirkulari, l-Isqof Galea jtenni li ladarba Malta kollha qed tiċċelebra ċ-Ċentinarju ta' San Pawl u l-Konverżjoni ta' Malta għall-Fidi Kristjana, Malta ma tistax twarrab lil San Publju u t-tradizzjoni li huwa ġie magħżul minn Pawlu bħala l-ewwel Isqof ta' Malta. Għaldaqstant, il-Vigarju ġenerali Mons. Isqof Galea ordna li fil-ħin li matulu jitkanta t-*Te Deum*, fil-Knisja Arċipretali tal-Floriana fi tmiem il-quddiesa pontifikali ta' nhar il-festa, il-knejjes kollha ta' Malta kellhom jagħtu sinjal tas-sħubija tagħhom f'din it-talba ta' ringrazzjament billi jdoqqu l-qniepen għal għaxar minuti. Kienu metodi ta' żminijiet oħra li llum mhumiex daqstant popolari u mifhuma fil-kuntest tal-bidla kulturali ta' pajjiżna, għalkemm wieħed irid joqgħod attent li ma jiġġudikax l-istorja meta qiegħed jgħix 'l barra minnha.

Jixraq li matul is-sena d-dieħla ma ninsewx li minbarra l-400 sena minn meta San Publju ġie maħtur wieħed mill-qaddisin Patruni ta' Malta, niftakru li l-istess sena timmarka l-1,950 sena minn meta San Pawl wasal fi gżiritna u għalhekk minn meta Malta, flimkien ma' San Publju irċeviet il-Fidi Nisranija. Din tkun dimensjoni tassew nazzjonali li bħala Furjaniżi u Maltin għandna nfittxu niċċelebraw u nfakkru mhux biss esterjorment. Din tista' tkun okkażjoni tassew tajba biex nagħmlu riflessjoni u nwettqu tiġdid serju tal-Fidi Nisranija li rċevejna skond il-pjan providenzjali ta' Alla mingħand Pawlu u Publju.

## Publius; *'tabernaculum ejus'*

Wieħed mill-artikli li dehru fil-'Leħen' fl-okkażjoni ta' dawn il-Festi Ċentinarji kien iġib l-isem 'L-Ewkaristija, San Pawl u San Publju.' Dan l-artiklu huwa ffirmat bin-*nom de plume* 'Patrijott'. L-artiklu jitkellem dwar San Pawl u l-Ewkaristija u l-fatt li jekk San Pawl għadda lill-Maltin il-Fidi Nisranija, hu impossibbli li magħha m'għaddiex ukoll it-teżor tal-Ewkaristija lil San Publju u lill-komunità Maltija. Dan kien l-argument prinċipali ta' dan l-artiklu li għalkemm mhuwiex kollu msejjes fuq veritajiet li huma storikament ippruvati (l-aktar rigward it-tradizzjonijiet li jistabilixxu il-postijiet fejn San Pawl iċċelebra l-Ewkaristija fi gżiritna), għandu osservazzjonijiet u riflessjonijiet sbieħ u validi li mhux ta' min jiġu mwarrba malajr.
Fost it-tagħrif li l-artikolista jsemmi, hu jikkwota aneddotu interessanti u x'aktarx mhux wisq magħruf, marbut ma' San Publju. 'Patrijott' jgħidilna li San Ġilormu fil-ktieb tiegħu *Liber de Nominibus Hebraicis*,[6] ibbażat fuq xi xogħlijiet bikrin ta' natura bibblika tal-għorrief Filone ta' Lixandra u Oriġene (kif San Ġilormu nnifsu jtenni fl-introduzzjoni tax-xogħol tiegħu),[7] jagħti l-etimoloġija (jiġifieri l-għeruq li minnhom ġiet imsawra l-kelma jew f'dan il-każ l-isem) tal-isem 'Publius' bħala '*tabernaculum ejus*'. L-artikolista 'Patrijott' jittraduċi '*tabernaculum ejus*' għall-Malti bħala

'*tabernaklu tiegħu*'.[8] Għalkemm m'għandniex ħjiel ċar ta' x'wassal lil San Ġilormu jagħti din l-etimoloġija għall-isem 'Publius' (li San Ġilormu jieħu espliċitament mill-Atti tal-Appostli, u allura b'riferenza personali għal Publju tal-Atti tal-Appostli, miktub oriġinarjament bil-Grieg), jidher li jista' jkun hemm konnotazzjonijiet 'ewkaristiċi' marbutin ma' din it-tifsira.

L-artikolista 'Patrijott' juża' dan id-dettall meħud minn San Ġilormu biex jorqom l-argumentazzjoni tiegħu li kienet qed titratta r-relazzjoni ta' San Pawl u allura ta' San Publju mal-Ewkaristija fil-kuntest tal-komunità nisranija ewlenija f'Malta. Ftit forsi jafu li Patri Pawl Cremona O.P., illum Monsinjur Pawl Cremona O.P., Arċisqof ta' Malta, kien ukoll irrifletta fuq din l-istess linja meta niseġ il-paniġierku fl-okkażjoni tal-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl, fil-Knisja Kolleġġjata tal-Belt Valletta, nhar l-10 ta' Frar 2005. Patri Pawl Cremona O.P. sostna li jekk Kristu sejjaħ lil xi wħud mit-tnax biex ikunu xhieda privileġġjati tal-mirakli u l-għemejjel tiegħu, kif għamel ma' Pietru, Ġwanni u Ġakbu fil-miraklu ta' bint Ġajru jew fit-Trasfigurazzjoni, hekk ukoll jista' jiġi interpretat il-miraklu ta' Pawlu ma' missier Publju. Ġesù kien jieħu miegħu lil dawn id-dixxipli speċjali mhux b'kumbinazzjoni iżda għaliex kien ser jafdalhom missjoni speċjali u permezz tal-mirakli tiegħu ried jippreparahom għall-istess missjoni li kien ser jafdalhom. Skont Patri Pawl Cremona O.P., dan l-atteġġjament ta' Kristu jista' jkun rifless ukoll f'San Pawl li wettaq il-miraklu tal-fejqan ma' missier Publju ħalli jħejji lil Publju stess sabiex ikun jista' jafdalu il-'qawwa appostolika' biex imexxi l-komunità nisranija. Dwar San Publju, Patri Pawl kien qal "U jekk (San Pawl) tah il-qawwa appostolika biex imexxi, żgur li tah il-qawwa appostolika biex jagħmel l-Ewkaristija fil-komunità tal-insara ta' din il-gżira."[9] Kliem Monsinjur Arċisqof jurina li hemm ħafna għerf miġbur wara t-tradizzjoni li missirijietna żammew għal sekli sħaħ, jiġifieri li San Pawl wassal lill-Maltin il-Fidi Nisranija u li permezz ta' San Publju hu tana wkoll ir-rigal dejjiemi tal-Ewkaristija li tifforma ċ-ċentru ta' kull komunità nisranija. Komunità Maltija bikrija ma tagħmilx sens mingħajr l-Ewkaristija. Ikun jonqosha dak l-element prinċipali li jibni u jsaħħaħ tassew il-komunjoni nisranija.

**Publju; "il-ħaruf imnissel fl-art Maltija"**

Wieħed mill-isbaħ dettalji li ltqajt magħhom fil-paġni tal-'Leħen is-Sewwa' li jirrigwardaw lil San Publju hija poeżija li l-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila kiteb fl-okkażjoni tal-Festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl tas-sena 1933. Din il-poeżija, ippubblikata wkoll fil-ġabra ta' poeżiji ta' Dun Karm li ġew miġbura u maħruġa mit-tabib Ġużè Bonniċi,[10] ġiet miktuba x'aktarx jumejn biss qabel it-tifkira liturġika ta' San Publju li mis-snin ta' qabel il-gwerra sar-riforma tal-Konċilju Vatikan II kienet tiġi ċċelebrata fil-21 ta' Jannar.[11] Jidher li Dun Karm kien konvint li San Publju kien ta' nisel Malti u għalhekk isejjaħ lil Publju b'mod tassew sabiħ bħala "il-ħaruf imnissel fl-art Maltija." Dun Karm jara tliet protagonisti prinċipali fl-akbar ġrajja ta' gżiritna. Dun Karm jilmaħ lil Alla li jħejji l-qlub ta' Pawlu, ta' Publju u anki tal-poplu Malti b'modi differenti biex iseħħ il-pjan li kellu għal Malta. L-istess Alla li ħejja l-qalb ta' Pawlu fuq "l-inkwina tal-imħabba" u li xabba' bil-"ħlewwa" l-qalb ta' Publju, żejjen ukoll il-qalb tal-ewlenin Maltin "bi tjieba kbira". Il-laqgħa traġika ta' dawn il-protagonisti wasslet biex




*It-Twelid ta' Iben Denn ta' Malta*
*li tawh l-isem ta' Publju*

Kristu jsaltan u jibqa' preżenti fost il-Maltin, kif kien fil-ħsieb u fil-pjan providenzjali ta' Alla.

Biex inkomplu fuq noti poetiċi oħrajn, fost il-paġni tal-'Leħen' niltaqgħu ukoll ma' poeżija

miktuba minn John C. Friggieri u ddedikata lil San Publju fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji tiegħu.[12] Din il-poeżija, li trid tiġi interpretata wkoll fid-dawl tal-avvenimenti lokali u l-bidla kulturali li pajjiżna flimkien mal-biċċa l-kbira tal-Ewropa kien qed jgħaddi minnhom fis-sittinijiet, hija karba għall-ħarsien u għall-interċessjoni ta' San Publju, missier u ragħaj tal-ewlenin insara Maltin. Il-ħames strofa hi forsi l-isbaħ u l-aktar imqanqla mill-poeżija kollha;

"U fik, imbagħad, o Publju l-Prinċep tagħna,
Din Malta, bintek, sabet il-mistrieħ,
Fid-dehen u l-ħlewwa ta' Missier qalbieni,
Fis-sliem u l-hena ta' mexxej l-erwieħ."[13]

Fl-aħħar il-poeżija ta' John C. Friggieri, tagħlaq b'talba mqanqla lil San Publju u lil San Pawl biex jixħtu fuq Malta l-barka u l-ħarsien tagħhom, speċjalment minn dak kollu li "jdallam l-imħuħ" u jxekkel il-ħajja tassew nisranija. Poeżija, li l-valur tagħha qed jikber mal-mogħdija taż-żmien.

## Skrizzjonijiet għaċ-Ċentinarju Pawlin li fihom jissemma San Publju

Matul iċ-ċelebrazzjonijiet taċ-Ċentinarju tan-Nawfraġju ta' San Pawl, bosta skrizzjonijiet ġew imqegħdin l-aktar fuq il-bibien tal-knejjes prinċipali ta' pajjiżna u f'postijiet prominenti oħrajn, speċjalment dawk li għandhom rabta ma' San Pawl jew San Publju. Fost dawn l-iskrizzjonijiet, insibu tnejn li fihom San Publju jokkupa post importanti. Dawn huma l-iskrizzjonijiet tal-Katidral ta' l-Imdina u dik tal-Knisja Arċipretali tal-Floriana. Il-professur Monsinjur Edward Colerio li kien is-segretarju ġenerali tal-kumitat għall-Festi Ċentinarji Pawlini ippubblika t-testi sħaħ ta' dawn l-iskrizzjonijiet (u t-tifsira tagħhom bil-Malti) fil-'Leħen is-Sewwa'. L-iskrizzjoni tal-Imdina tfakkar it-tradizzjoni li fl-imkien fejn illum qiegħed il-Katidral kien jinsab palazz li fih Publju laqa' lil Pawlu b'ġenerożità kbira. Dwar San Publju l-iskrizzjoni tgħid li hu "lestielu (lil San Pawl) palazz mill-isbaħ biex fih ġurnata Kristu s-Salvatur joffri lilu niffsu f'dawn il-Gżejjer vittma għas-saħħa tagħna."[14]

L-iskrizzjoni li kienet iżejjen il-faċċata tal-Knisja Arċipretali tal-Floriana hija fiha nnifisha konklużjoni sabiħa għal din il-ġabra qasira ta' dettalji li għalina l-Furjaniżi huma żgur interessanti. L-iskrizzjoni kienet tfakkar li San Publju ġie ikkonsagrat minn San Pawl bħala ragħaj tal-merħla tal-ewlenin insara Maltin, biex l-isem ta' Kristu jiġi milqugħ u magħruf aktar fost il-Maltin. L-iskrizzjoni, li ssejjaħ lil Publju bħala l-foħrija u l-ġieħ ta' Malta, tfakkarna fir-rabta ta' Publju ma' Pawlu u wkoll fid-dmir li ngħaddu lil ta' warajna dak kollu li Pawlu għallimna, anki permezz ta' Publju. Ejjew nagħmlu tagħna dan l-appell, speċjalment matul din is-sena Pawlina u matul il-festi ċentinarji li qed inħejju ruħna biex niċċelebraw bħala komunità Furjaniża. Ejjew inqumu spiritwalment u nitħeġġu biex il-Fidi tagħna ma tkunx mejta jew skaduta iżda tkun ħajja u qawwija bħalma kienet il-fidi li ġabilna San Pawl u li saħħaħ fostna San Publju.

[1] Ara Paul Saliba, *Leħen is-Sewwa. 80 Sena ta' ġurnaliżmu Kattoliku*, Floriana 2008, 3-4.
[2] Ibid., 5.
[3] Ibid., 15.
[4] Ara C.P.B., *San Publju u l-Festa Tiegħu*, f'*Leħen is-Sewwa* (Malta 30 April 1949) 6.
[5] Ara *Festi Ċentinarji Nazzjonali ta' San Publju Martri fil-Furjana*, f'*Leħen is-Sewwa* (Malta 15 ġunju 1960) 5.
[6] Skont kif irrappurtat fl-istess artiklu tal-Leħen is-Sewwa (29 ġunju 1960) mill-artikolista 'Patrijott', ix-xogħol ta' San Ġilormu *Liber de Nominibus Hebraicis* jinsab fl-edizzjoni magħrufa ta' J.P. Migne *Patrologia Latina* volum 23, paġna 849. X'aktarx ir-riferenza miġjuba hija żbaljata. Jidher li r-riferenza korretta għal dan ix-xogħol partikulari ta' San Ġilormu hija *Liber De Nominibus Hebraicis*: *PL* 23, 894.
[7] San Ġilormu, *Preface to the Book on Hebrew Names*, f'*Nicene and Post-Nicene Fathers, Second Series*, VI, edited by Philip Schaff –Henry Wace, Peabody/MA [2]1995, 485.
[8] Ara Patrijott, *L-Ewkaristija, San Pawl u San Publju*, f'*Leħen is-Sewwa* (Malta 29 ġunju 1960) 2-3.
[9] Pawl Cremona, *Paniġierku f'ġieħ l-Appostlu Missierna San Pawl nhar il-Festa tan-Nawfraġju* (2005); Valletta 2005.
[10] Ara Ġużè Bonnici, *X'Emmen il-Poeta* (Il-Għana ta' Dun Karm 2), Malta [2]1944, 134.
[11] Ara *L-Għanja tal-Poeta Nazzjonali*, f'*Leħen is-Sewwa* (Malta Numru Speċjali Lulju 1960) 16.
[12] Ara John C. Friggieri, *Lil San Publju Martri Prinċep u l-Ewwel Isqof ta' Malta. Fid-Dsatax-il Ċentinarju mill-Konverżjoni u l-Veskovat Tiegħu*, f'*Leħen is-Sewwa* (Malta 2 Lujlu 1960) 5.
[13] Ibid.
[14] Edward Coleiro, *L-Iskrizzjonijiet taċ-Ċentinarju*, f'*Leħen is-Sewwa* (Malta 20 Lulju 1960) 6.